**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 2 ta' Novembru, 2001**

**Numru 14**

**Avviz. numru 948/01JR**

**Homeline Limited**

**vs**

**Carmel Galea u Rita Galea**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Settembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' tlieta u hamsin lira Maltija (Lm53.00), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' "cooler" mibjugh u konsenjat lill-konvenut;**

**Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv.**

**Ra li l-konvenuti baqghu ma dehrux u lanqas ma pprezentaw risposta.**

**Semgha x-xhieda ta' Gordon Micallef direttur tas-socjeta` attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlieta u hamsin lira Maltija (Lm53.00), bl-imghax legali mid-29 ta' Settembru, 2001 sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**